MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 459/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Nezren Grixti)**
**Vs**
**Anthony Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-28 ta' Novembru, 2003 u matul l-ahhar xahar qabel din id-data gewwa l-Marsa u bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew il jipprokura d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita'

moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regola 1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regola 1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(A) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

4. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu il-pjanta cannabis, kollha jew bicca

minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta’ mitt metro mill-parametru ta’ club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Novembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 8(A), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), u 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, u Reg 9 tal-GN 292/1939 ikkundannatu ghal piena karcerarja ta’ sentejn(2) u multa ta’ €2,330;

Rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta w ordnat lill-appellant Anthony Mallia li fi zmien xahar(1) ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghas-somma ta’ €1,038.50.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-7 ta’ Dicembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel u t-tieni akkuza, (b’dan illi t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel akkuza) u tal-hames akkuza, kif ukoll illi tikkonferma r-raba akkuza inkwantu sabitu hati tal-pussess (semplici) tad-droga filwaqt illi tirrevokaha in kwantu sabet l-istess pussess bhala aggravat kif dedotta fit-tielet akkuza migjuba kontra tieghu, u tirriformaha fil-parti tal-piena, billi tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghall-fatti speci tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-appellant jaghmel referenza ghat-tielet akkuza dedotta kontra tieghu, u ossia l-pussess aggravat tad-droga cannabis, li taghha nstab hati. L-appellant jirrileva w jirribadixxi illi mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti minn imkien ma rrizulta illi dan ma kienx kaz ta' pussess semplici.

L-appellant jaghmel referenza ghall-istqarrija rilaxxat minnu a tempo vergine, fejn huwa minghajr ebda tlaqlieq ammetta illi kien regolarment jabbuza mill-cannabis. Filfatt ammetta illi kien ghadu kemm ha tlett (3) joints cannabis. Huwa ammetta wkoll illi filfatt kien anke jaghmel uzu mid-droga eroina, u kien jiehu madwar nofs gramma eroina kuljum. Ghalhekk, ladarba l-appellant stess ammetta l-uzu ta' din id-droga, dan il-pussess mhux inkompatibbli ma' pussess ghall-uzu personali, specjalment meta jirrizulta b'mod car u inekwivoku illi l-appellant kien "heavy user, highly dependant" fuq diversi tipi ta' droga. Filfatt, meta l-pulizija marru fid-dar ta' l-appellant biex jaghmlu tfittixija, qabduh "red handed" qed jabbuza mid-droga eroina. Ghalhekk, f'mohh din il-Qorti, ma jistax ikun hemm l-ebda dubbju illi l-appellant kien persuna illi tabbuza mid-droga.

Inoltre, l-ammont ta' cannabis li nstabet fir-residenza ta' l-appellant, li huwa wiehed *de minimis,* certament mhux inkompattibli ma' pussess ghall-uzu personali. Filfatt, nstab biss ammont zghir ta' raza tal-cannabis, u ftit haxixa, u dan kif irrizulta mit-testijiet illi saru minn l-espert forensiku l-Ispizjar Mario Mifsud (fol. 65 tal-process).

Il-fatt illi l-appellant instab fil-pussess ta' tlett cellulari, wkoll wahedha mhux prova indikattiva ta' pussess ta' droga ghall-intenzjoni ta' spacc. Jigi rilevat, illi kif irrizulta mir-rapport ta' l-espert Martin Bajada, a fol. 33, wiehed mit-telefons cellulari esebiti, ma kellux linja fih, u filfatt instab minghajr sim card. Mhux xi haga straordinarja illi persuna jkollha zewg telefons cellulari, specjalment meta l-persuna koncernata, bhal l-appellant tkun persuna tixtri d-droga, w ghalhekk familjari mac-cirku ta' certu nies. Wiehed ma jistax jinsa illi fil-ligi taghna anke il-pussess semplici huwa reat, ghalhekk persuna illi tixtri d-droga, se taghmel dak kollu possibbli sabiex ma tinqabadx mill-Pulizija, anke billi taghmel uzu minn aktar minn linja tat-telefon wahda.

Il-prosekuzzjoni naqset ghalhekk milli tipprova illi filfatt l-appellant kellu l-intenzjoni illi jittraffika d-droga illi nstabet fil-pussess tieghu. F'dan il-kuntest, jinghad illi sabiex Qorti ssib htija ta' intenzjoni ta' spacc ta' drogi, hija mhux biss trid tkun konvinta "beyond reasonable doubt" illi tali persuna kellha l-pussess tad-droga izda wkoll illi tali persuna kellha l-intenzjoni li tispacca jew b'xi mod tikkonsenja l-istess droga.
Ghaldaqstant sabiex jigi sodisfacentement ippruvat ir-reat in dezamina, l-Qorti trid, wara li taghmel apprezzament approfondit tal-provi prodotti, tasal ghal konvinciment morali illi mic-cirkostanzi tista' "safely and satisfactorily" tigbed inferenza w tikkonkludi illi kien hemm l-intenzjoni posittiva diretta w specifika ta' l-ispacc. Mhux kull cirkostanza illi tista' twassal ghal xi suspett hija sufficjenti. B'mod generali, l-ligi ma tisanzjonax l-intenzjonijiet, u huwa biss eccezzjonalment illi l-ligi tikkonsidra r-reat ikkunsmat (u mhux biss tentattiv) meta l-intenzjoni kriminuza tkun ghada ma gietx attwata, w ghaldaqstant, l-esponenti jissottometti illi wiehed ghandu jezercita cirkospenzjoni ikbar f'kazijiet simili, u sabiex ma jinholqux ingustizzji l-intenzjoni ta' l-ispacc ghandha tirrizulta b'mod konkret u inekwivoku u mhux sempliciment frott ta' kongenturi u suppozizzjonijiet.
Illi ghalhekk l-prosekuzzjoni naqset milli ggib provi konklussivi, li l-istess pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv ta' l-appellant, u ghalhekk huwa ghandu jigi liberat minn l-akkuza tal-pussess aggravat tad-droga cannabis, kif dedotta fil-konfront tieghu skond it-tielet akkuza.

Fit-tieni lok, l-appellant jilmenta mill-piena erogata fuqu illi fic-cirkostanzi jissottometti illi hija wahda eccessiva, w dan ghas-segwenti ragunijiet :

a. ghalkemm dan il-kaz jirrisali ghas-sena elfejn u tlieta, l-appellant qatt ma rega tessaq il-Qorti u ghalhekk ma ghandu ebda kaz iehor pendenti u dan minkejja illi ghaddew madwar sitt snin minn meta tressaq il-Qorti bl-imputazzjonijiet odjerni;
b. illi huwa persuna totalment riformata;
c. illi ma ghandux fedina penali refrettarja;

d. illi d-droga illi huwa ghadda lil Marouska Debattista, tahiela b'xejn, ghalhekk jirrizulta car illi l-appellant mhux traffikant fil-veru sens tal-kelma. Filfatt anke fl-istqarrija tieghu qal illi huwa qatt ma kien biegh droga. Ghalhekk din il-qorti ma tistax titratta mieghu bhala traffikant veru u propja illi jghix mill-qliegh ta' attivita' kriminuza, li tant taghmel hsara liz-zghazagh u lis-socjeta' in generali. L-ammont ta' flus fis-somma ta' mitejn u ghaxar liri wkoll hija xhieda illi l-appellant mhux traffikant tad-droga, filfatt fl-istqarrija li huwa rrilaxxa mal-pulizija, spjegalhom illi dawk kienu l-flus mill-paga tieghu;

e. illi l-istess Debattista, kemm fl-istqarrija guramentata taghha quddiem il-Magistrat, u kemm fid-depozizzjoni taghha quddiem l-Ewwel Qorti, xehdet illi din kienet l-ewwel darba illi hadet droga ma' l-appellant. Inoltre hija kienet persuna illi gia tabbuza w dipendenti fuq id-droga kienet ilha snin tabbuza anke mid-droga eroina, filwaqt illi kienet ilha biss tlett xhur taf lill-appellant.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet kollha maghdudin flimkien, l-appellant jirrileva illi kien jimmeritah piena, hafna aktar ekwa w gusta minn dik imposta fuqu minn l-Ewwel Qorti.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi nhar it-28 ta' Novembru 2003 ghal habta ta' l-ghaxra u kwart ta' filghaxija, l-Pulizija marru fir-residenza ta' l-appellant gewwa l-Marsa, fl-indirizz 21, Butterfly Street, Marsa, fejn instab illi l-appellant kien qed jabbuza mid-droga eroina flimkien ma' tfajla Marouska Azzopardi. Fil-kamra fejn kien qed issir l-abbuz, il-Pulizija sabu diversi oggetti relatati mad-droga. Wara saret search fir-residenza ta' l-appellant fejn fil-kcina insabet aktar droga eroina li minnha kienu qed jabbuza l-appellant u l-habiba tieghu, fil-waqt li f'kexxun fil-kamra tal-banju, nstabet ir-raza tal-cannabis kif ukoll il-pjanta tal-cannabis. Waqt it-tfittxija, l-Pulizija sabet ukoll flus kontanti fl-ammont ta' LM 210.

L-aggravju ta' l-appellant jirreferi principalment ghat-tielet akkuza u cioe illi mill-provi prodotti, mkien ma rrizulta illi dan ma kienx kaz ta' pussess semplici. Irrileva illi dak iz-zmien ta' l-arrest, l-appellant kien "heavy user" u "highly

dependent" fuq diversi tipi ta' droga. Fil-fatt meta l-Pulizija marru fid-dar ta' l-appellant biex jaghmlu tfittxija, qabduh "red handed" qed jabbuza mid-droga pero' l-ammont ta' cannabis illi nstab fir-residenza ta' l-appellant kien wiehed "de minimis" kompatibli ma' pussess ghal-uzu' personali.

Ghalhekk l-appellant qed jargumenta illi sabiex il-Qorti ssib htija ta' intenzjoni ta' spacc ta' droga, mhux biss trid tkun konvinta "beyond a reasonable doubt" illi tali persuna kellha l-pussess tad-droga izda ukoll illi tali persuna kellha l-intenzjoni li tispaccja jew b'xi mod tikkonsenja l-istess droga lil terzi. Ghalhekk stante li kien dipendenti fuq id-droga u l-ammont zghir ta' droga li nstabet fir-residenza tieghu, l-appellant ma setax jinstab hati ukoll ta' l-ispacc tad-droga.

Fit-tieni lok, l-appellant ilmenta mill-piena erogata fuqu li fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva. Dan ghaliex il-kaz jirrisali ghal aktar minn sitt snin ilu. Illum l-appellant huwa persuna totalment riformata u lanqas m'ghandu xi fedina penala reffrettaria. Terga', d-droga li huwa ghadda lil Marouska Debattista, tahiela b'xejn u ghalhekk jirrizulta car illi l-appellant mhux traffikant fil-veru sens tal-kelma.

Ikkunsidrat:

Fir-rikors ta' l-appell tieghu, l-appellant ikkwota diversi sentenzi in sostenn tat-tezi tieghu, liema sentenzi huma validi u legalment korretti fil-kuntest partikolari tal-kaz taghhom. Fil-fatt il-Qorti tikwota kaz minnhom fl-isem ta' 'Pulizija vs Brian Caruana' deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-23 ta' Mejju ta' l-2002, fejn qalet fost affarijiet ohra 'li kull kaz hu differenti minn iehor u jekk jirrizultaw ic-cirkostazi li jwasslu l-gudikant tal-konkluzzjoni li d-droga misjuba ma tkunx ghal-uzu esklussiv ta' l-akuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmila l-gudikant fuq il-fatti speci li jkollu quddiemi u ma jistax ikun hemm a hard and "fast rule" ta' x'inhuma dawn ic-cirkostanzi ndikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant...'.

Ghalhekk dan il-kaz irid jigi gudikat skont ic-cirkostanzi partikolari tieghu.

Irrizulta bhala fatt illi l-appellant inqabad “red handed” jabbuza mid-droga flimkien ma’ habiba tieghu Marouska Debattista. Fix-xhieda guramentata taghha, din ta’ l-ahhar qalet li t-tnejn ghamlu uzu’ mid-droga eroina u li ma kinetx l-ewwel darba illi ghamlu tali uzu’. Pero` kienet l-ewwel darba illi Anthony Mallia kien ta d-droga b’xejn. Din tfisser ergo, illi d-drabi l-ohra illi Marouska Azzopardi hadet id-droga ma’ Anthony Mallia, hallset ghal din id-droga. Barra minn dan irrizulta ukoll illi l-fond fejn instab id-droga, 20, Triq il-Farfett, il-Marsa, huwa anqas minn mitt metru ‘l boghod minn centri ohrajn li fihom jiltaqghu z-zghazagh. L-iskuza ta’ l-appellant illi sab id-droga go hajt tal-bricks li jaghmel parti minn sensiela ta’ garaxxijiet gewwa Triq San Tumas il-Marsa, hija ghal kollox inveritiera u m’ghandiex titwemmen. Din l-iskuza taqa’ fir-relm tal-possibli illi fil-kamp kriminali ma jiswa’ ghal hadd, lanqas ghad-difiza.

L-appellant argumenta ukoll illi l-ammont ta’ cannabis li nsabet fir-residenza ta’ l-appellant huwa wiehed “de minimis”, certament mhux inkompatibli ma pussess ghal-uzu’ personali. Din il-Qorti ma taqbilx ma’ dan l-argument. Skond ir-relazzjoni ta’ l-ispizjar Mario Mifsud (fol 215) ‘il-prezz imnut totali ta’ l-eroina u l-herbal cannabis bla raza’ tal-pjanta tal-cannabis kien jammonta ghal cirka LM 5,871.59’. Certament din ic-cifra m’hijiex “de minimis” u hija anzi indikazzjoni cara illi dik id-droga ma kinetx ghal-uzu’ personali ta’ l-appellant.

Ghalhekk mehud inkosiderazzjoni dawn l-argumenti, kif ukoll mill-asjem tal-provi, din il-Qorti issib illi l-evalwazzjoni tal-fatti illi ghamlet l-ewwel Qorti kien korrett u l-konkluzzjoni illi waslet ghaliha kienet ragonevoli u legalment korretta. Rigward il-piena, il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-deskrizzjoni ta’ l-ewwel Qorti jekk il-piena nfiltta tkun tidhol fil-parametri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun anqas minn dak li jkun fil-fatt (Repubblika vs David Vella 14 ta’ Gunju 1999, Repubblika vs Eleno sive Lino Bezzina 24 t’April 2003 u ohrajn). Din il-Qorti ghalhekk wara li

ghamlet apprezzament tal-provi li kellha l-ewwel Qorti quddiemha, issib illi dik il-Qorti kienet ragonevoli u legali fil-konkluzzjoni taghha.  Ghalhekk mhux il-kaz illi tigi disturbata dik id-deskrizzjoni u konkluzzjoni.

Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------